**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Wolf Oil Corporation NV hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

[1] ĠU C 339, 12.10.2020.

---

**Rikors ippreżentat fl-1 ta’ Ġunju 2021 – SV vs BEI**

**(Kawża T-311/21)**

(2021/C 329/40)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* SV (rappreżentanti: L. Levi u M. Vandenbussche, avukati)

*Konvenut:* Il-Bank Ewropew tal-Investiment

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla r-rapport ta’ evalwazzjoni tar-rikorrent għas-sena 2019;

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kunsill Ġenerali tas-26 ta’ Ġunju 2020 li tikkonferma r-rapport ta’ evalwazzjoni għas-sena 2019 fil-kuntest tal-eżami mill-ġdid tad-DĠ Persunal kif ukoll id-deċiżjoni tad-DĠ Persunal tat-22 ta’ Frar 2021 li tiċħad it-talba tar-rikorrent għal eżami mill-ġdid amministrattiv;

— tikkumpensa lir-rikorrent għad-dannu materjali tiegħu kif deskritt f’dan ir-rikors;

— tikkumpensa lir-rikorrent għad-dannu morali tiegħu evalwat *ex aequo et bono* għal EUR 5 000.

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka sitt motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-assenza ta’ eżami mill-ġdid sħiħ tal-evalwazzjoni – Ksur tar-Regoli ta’ Implimentazzjoni tal-BEI.

   — Ir-rikorrent isostni li l-Kunsill Ġenerali ma wettaqx eżami mill-ġdid sħiħ tar-rapport ta’ evalwazzjoni, kif meħtieġ mir-Regoli ta’ Implimentazzjoni tal-BEI, iżda llimita l-evalwazzjoni għal eżami mill-ġdid marġinali, limitat sabiex jikkonstata jekk ir-rapport kienx ivvizzjat minn żball manifest ta’ evalwazzjoni. Bl-istess mod, huwa jargumenta li d-DĠ Persunal naqas ukoll milli jwettaq eżami mill-ġdid sħiħ tar-rapport ta’ evalwazzjoni, kuntrarjament għar-rekwiżiti tar-Regoli ta’ Implimentazzjoni tal-BEI.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq evalwazzjoni illegali tal-klassifikazzjoni assoluta ta’ prestazzjoni tal-għanijiet u tal-kompetenzi tar-rikorrent – Ksur tal-linji gwida dwar il-Ġestjoni ta’ Prestazzjoni (ĠP).

   — L-evalwazzjoni assoluta tal-amministratur tar-rikorrent tal-għanijiet u tal-kompetenzi tikser il-linji gwida tal-ĠP sa fejn hija bbażata fuq evalwazzjoni relattiva mad-Diviżjoni, mad-Dipartiment u mad-Direttorat kollha minflok evalwazzjoni tat-twettiq assolut u wiri ta’ kompetenzi tar-rikorrent. Dan l-eżami mill-ġdid żbaljat kien sussegwentement ġie approvat u applikat mill-Kunsill Ġenerali u mid-DĠ Persunal, u b’hekk id-deċiżjoni tagħhom saret ukoll illegali.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u tat-Taqsima 3.4 tal-linji gwida ĠP.

   — Huwa argumentat li l-konvenut naqas milli jimmotiva korrettament ir-rapport ta' evalwazzjoni peress li dan ir-rapport ma jirreferix għad-diskussjoni li seħħet bejn ir-rikorrent u l-amministratur tiegħu kif ukoll peress li r-raġunijiet ipprovduti huma insuffiċjenti sabiex tinftiehem il-klassifikazzjoni iktar baxxa meta pparagunata mas-sena preċedenti.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni u fuq assenza ta' evalwazzjoni ġusta, oġġettiva u komprensiva tal-prestazzjoni assoluta tar-rikorrent – Ksur tad-dmir ta' amministrazzjoni tajba u tad-dmir ta' diliġenza – Ksur tal-linji gwida ĠP.

   — Ir-rikorrent jikkunsidra li l-evalwazzjoni mwettqa mill-amministratur tiegħu, approvata mill-Kunsill Ġenerali u mill-Persunal DĠ, naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-fatturi kollha u hija vvizzjati bi żbalji manifesti.

5. Il-ħames motiv ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u żball manifest ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-eżami mill-ġdid amministrattiv u, b'mod partikolari, l-assenza ta' promozzjoni għal funzjoni tal-livell-D.

   — Ir-rikorrent jargumenta li ssodisfa l-kriterji kollha għal promozzjoni, b'mod partikolari peress li ħadem tajjeb fir-rwol attwali tiegħu, għandu l-abbiltà u l-potenzjal li jaħdem fuq livell ogħla kif ikkonfermat lilu diversi drabi mill-amministratur tiegħu u wera motivazzjoni sabiex jaħdem fuq livell ogħla, speċjalment b'kunsiderazzjoni tal-fatt li kompla jeżerċita responsabbiltajiet ta' livell ogħla korrispondenti. Il-konvenut, għandu jingħad, naqas milli jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu li ma jagħtix promozzjoni lir-rikorrent. Din il-motivazzjoni la tista' tinstab fid-deċiżjoni tal-Kunsill Ġenerali u lanqas fid-deċiżjoni tad-DĠ Persunal.

6. Is-sitt motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt għal smigħ.

   — Ir-riżultati ta' prestazzjoni għas-sena 2019 ma jirriflettux diskussjoni individwali fuq prestazzjoni u kienu sorpriża kbira.

---

**Rikors ippreżentat fid-9 ta' Ġunju 2021 – TB vs ENISA**

**(Kawża T-322/21)**

(2021/C 329/41)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* TB (rappreżentanti: L. Levi u N. Flandin, lawyers)

*Konvenut:* L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA)

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni impliċita meħuda mid-Direttur Eżekuttiv tal-ENISA sabiex ma tidentifikax il-pożizzjoni ta' Kap tad-Diviżjoni għall-Uffiċċju tal-Politika u l-pożizzjoni ta' Kap tad-Diviżjoni għall-Finanzi u għall-Kuntratti Pubbliċi għall-mobbiltà interna (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni impliċita");

  — Id-deċiżjoni impliċita ġiet żvelata minn:

    — l-Avviż Amministrattiv 2020-11 li jippreżenta l-konklużjonijiet tad-djalogi għall-mobbiltà interna tal-1 ta' Settembru 2020, ippubblikat fit-3 ta' Settembru 2020 (iktar 'il quddiem il-"Konklużjonijiet") skont liema tliet pożizzjonijiet ta' Kap ta' Diviżjoni, li jikkorrispondu għad-Diviżjoni għall-Infrastruttura u għas-Servizzi Siguri (COD1), għad-Diviżjoni għas-Sigurtà u l-Istandardizzazzjoni tad-Data (COD2) u għad-Diviżjoni għas-Sigurtà Operattiva (COD3) ġew identifikati għall-mobbiltà interna;

    — id-deċiżjonijiet tal-5 ta' Awwissu 2020 ippubblikati fuq is-sit ENISA dwar żewġ pożizzjonijiet vakanti għal kompetizzjoni ġenerali għall-pożizzjonijiet ta' Kap tad-Diviżjoni għall-Uffiċċju tad-Direttur Eżekuttiv u għas-Servizzi ta' Sostenn għall-Impriżi.

— sa fejn huwa meħtieġ, tannulla l-Konklużjonijiet u d-deċiżjonijiet tal-5 ta' Awwissu 2020;